MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 26/2004

**Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti u in rapprezentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Mark Anthony Bayliss u l-istess Mark Anthony Bayliss**

**vs**

**Grazio Lia**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Jannar 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' seba' mija u tnejn u erbghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm742.75) rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' Lm683.00 bhala danni kagunati fil-vettura tal-attur Mark /Anthony Bayliss, Lm23.00 prezz ta' surveys, Lm3.00 prezz ta' rapport tal-pulizija u Lm33.75 telf tal-uzu tal-vettura JAZ 473, u dan

b’rizultat tal-incident sstradali li sehh fit-8 ta’ Jannar 2003 fi Triq il-Mina ta’ Hompesch, Zabbar waqt li l-istess konvenut kien qed isuq il-vettura LAL 838 propjeta’ tieghu u dahal gol-vettura JAZ 473 propeta’ tal-attur Mark Anthony Bayliss u misjuqa minnu stess ghal-liema ncident kien unikament responsabbli l-konvenut Grazio Lia kawza ta’ mprudenza, negligenza u non-osservanza tar-egolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-
Illi dak mitlub mill-atturi ghandu jigi michud bl-ispejjes ghalliex ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma kienx jahti l-eccipjent.

Sema’’ x-xhieda ta’ PS 91 Michael Buttigieg, tal-attur Mark Anthony Bayliss, ta’ Lorna Bayliss u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Din il-kawza tirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fit-8 ta’ Jannar 2003, fi Triq il-Mina ta’ Hompesch, Haz-Zabbar bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAZ 473 misjuqa minn u propjeta’ ta’ Mark Anthony Bayliss u assikurata taht polza tat-tip “Comprehensive” mas-socjeta’ attrici u l- vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAL 838 misjuqa mill-konvenut.

Mark Anthony Bayliss xehed li fid-data tal-inccident huwa kien qed isuq il-vettura teighu fill-lokalita’ msemmija gej mid-direzzjoni tal-Fgura u sejer lejn Haz-Zabbar. Huwa kien qed isuq fuq l-inner lane u fuq l-outer lane kien hemm

serbut ta' karozzi jistennew biex iduru lejn Wied il-Ghajn. Bayliss jghid li huwa seta' jipprocedi liberament fuq il-karreggjata ta'' gewwa u meta wasal quddiem il-Lourdes Petrol Station hass daqqa mal-mudguard ta' quddiem man-naha tad-driver, precizament bejn il-mudguard u l-bieba. Bayliss jghid li huwa ma kienx ra lil vettura li laqtitu qabel l-impatt izda wara rrizultalu li din il-vettura keinet gejja mid-direzzjoni ta' Wied il-Ghajn u daret sabiex tidhol fil-petrol sstation. Bayliss spjega wkoll li t-traffic lights li kien hemm aktar il-quddiem minnu kienu fuq l-ahdar u ghalhekk huwa seta' jipprocedi ghad-dritt lejn Haz-Zabbar filwaqt li t-traffic lights sabiex iddur lejn Wied il-Ghajn kienu fuq l-ahmar. Huwa jghid ukoll li kien ilu fuq l-inner lane sa mill-ewwel petrol station li hemm lejn il-Fgura.

Il-konvenut xehed li huwa kien qed isuq il-vettura tieghu fi Triq il-Mina ta' Hompesch gej mid-direzzjoni ta' Haz-Zabbar. Huwa reid idur lejn il-lemin sabiex jidhol f'Lourdes Petrol Station u meta wasal biex jikser kien hemm vettura gejja mill-Fgura u sejra lejn Wied il-Ghajn, u cioe' fuq l-outer lane, li cedietlu. Il-konvenuit jghid li malli qasam giet vettura minn fuq l-inner lane u habtet mieghu. Din il-vettura spiccat biex dahlet fid-dahla tal-petrol statiion bl-impatt. Il-konvenut jghid ukoll li huwa ma jaqbilx mal-iskizz fis-sens li z-zewg vetturi kienu aktar lura u cioe' aktar lejn id-dahla tal-petrol station. Huwa jghid li l-istrixxa li tidher fl-iskizz quddiem il-petrol station hija speci ta' centre strip gholja u li vettura ma tistghax tghaddi minn fuqha. In kontro-ezami il-konvenut qal li huwa ma setghax jara jekk kienux gejjin vetturi ohra minn fuq l-inner lane u dan minhabba l-vettura (vann) li cedietlu u li kienet fuq l-outer lane. Huwa jghid li kien kwazi wasal fid-dahla tal-pompa meta qala' d-daqqa u li malli qabez il-vann huwa ma ra lil hadd gej fuq l-inner lane u ghalhekk kompla jaqsam. Huwa jghid li l-hsara fil-vettura tieghu kienet fil-ponta ta' quddiem tax-xellug, precizament fil-fanal.

Irid jinghad mill-ewwel li filwaqt li l-verzjoni moghtija mill-attur Mark Anthony Bayliss hija perfettament korroborata mill-iskizz u mir-Road Accident Repport l-isstess ma jisthgax jinghad in kwantu jirrigwarda x-xhieda tal-konvenut. Il-posizzjoni tal-vetturi kif riportata fl-iskizz kif

ukoll il-hsara fiz-zewg vetturi jindikaw kjarament li l-konvenut ma kienx kwazi wasal fid-dahla tal-petrol station kif jghid hu izda li l-impatt effettivament sehh malli huwa hareg fuq l-inner lane. Kieku verament il-konvenut qala’ d-daqqa malli kien kwazi wasal fid-dahla tal-petrol station il-hsara fil-vettura ta’ Bayliss ma keinitx tkun man-naha tal-lemin fuq quddiem u l-hsara tieghu ma kienitx tkun fil-ponta ta'’ quddiem tax-xellug. Inoltre jrid jigi rilevat li s-surgent li nvestiga l-kaz fiz-xhieda minnu moghtija fis-seduta tat-23 ta’ Frar ikkontradica dak li qal il-konvenut in kwantu jirrigwarda l-istrixxa li tidher quddiem il-petrol station. PS 91 Michael Buttigiweg fil-fatt qal li din l-istrixxa hija rampa u li vettura jistghu jitilghu minn fuqha.

It-Tribunal jidhirlu li l-ncident de quo sehh unikament tort tal-konvenut li ttenta jaqsam karreggjata doppja minghajr ma zamm ‘a proper lookout’ ghat-traffiku li kien ghaddej mill-karreggjata ta’ gewwa. L-Artikolu 209 tal-Highway Code jistabbilixxi li meta sewwieq ikun qed jaqsam karreggjata doppja huwa jrid iqis kull karreggjata bhala wahda separata, haga li l-konvenut senjatament naqas li jaghmel ghaliex jidher li huwa assuma li una volta li cedielu l-vann fil-karreggjata ta’ barra huwa seta’ jkompli jaqsam anki minn fuq il-karreggjata ta’ gewwa. Huwa messu waqaf qabel ma ttenta jaqsam il-karreggjata ta’ gewwa wkoll u cioe’ qabel ma nvada l-flow of traffic li kien qed jiprocedi fuq din il-karreggjata, liema traffiku kellu d-dritta fuq it-traffiku li kien qed jaqsam (Art. 212 tal-Highway Code).

Il-quantum tad-danni reklamati mill-atturi bl-ebda mod ma gie kontestat mill-konvenut u fi kwalunkwe kaz l-istess atturi esebew l-ircevuti kollha in sostenn tat-talba taghhom, liema danni jidher li huma kompatibbli mad-dinamika ta’ kif sehh l-incident mertu tal-kawza.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ seba’ mija u tnejn u erbghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm742.75), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------